MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2004

Appell Civili Numru. 1195/1997/1

**Dr Sandra Caruana u b'nota tas-26 ta' April 2000 il-kunjom gie mibdul ghal Sladden stante li l-attrici zzewget**

**v.**

**Joe Mifsud**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Din hija kawza ta’ libell fejn l-attrici allegat li fil-ktieb l-isem “Id-Djarju ta’ Ciro Del Negro”, ippublikat mid-Dipartiment tat-Taghrif, Partit Laburista, bid-data 1997, u li tieghu l-konvenut huwa l-awtur, saru dikjarazzjonijiet foloz u malafamanti li jesponuha ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku.

Il-brani li minnhom l-attrici lmentat huma dawk riportati f’pagna 129 u 149 tal-ktieb, u li jghidu testwalment hekk (parti sottolineata):

(a) **“‘Ghalhekk min qed jikteb jitlob lil min ghandu d-dmir jistharreg dan il-kaz li jiehu l-passi mehtiega kontra l-edituri ta’ dal-gurnali, <u>kontra l-Avukata Sandra Caruana li kontra kull professjonalita` nqdiet bil-gurnali bhala prova – kollha nies bla skrupli</u> – barra milli jgieghel lill-edituri tal-gurnali msemmijin jxandru artiklu bi skuzi formali dwar dak li gara biex jirriabilitaw lil min qed jikteb. Bix-xewqa li ma jibqghux bla ma jsehhu t-talbiet ta’ min qed jikteb, jibghat tislijiet distinti. Salerno 07.04.97, Ciro Del Negro’”**, u

**(b) “In fatti a quel giorno che hanno presentato i giornali c’era la dottoressa Sandra Caruana <u>la quale ha dichiarato il falso</u>…perche` in maggio del ’96 ha dichiarato alla corte di Salerno che era esistente una separazione da me e mia moglie...cosa che non e` vera perche` poi la dottoressa Edwina Chetcuti che mi sta difendendo mi comunica che la causa era per il mese di marzo ’97 per cui e` un falso come hanno falsificato tantissime cose”**.

L-attrici talbet l-likwidazzjoni u hlas ta’ danni b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28 tal-Att dwar l-Istampa (Kap. 248).

Il-konvenut ecepixxa li:-

(a) It-talba attrici hija preskritta stante li huwa gie notifikat l-ewwel darba b’att gudizzjarju iktar minn sena wara l-pubblikazzjoni tal-ktieb in kwistjoni;

(b) Dak li nghad fil-konfront ta’ l-attrici huwa kopert mill-privilegg kwalifikat peress li huwa ma ghamel l-ebda dikjarazzjoni, izda kien qieghed biss jirraporta fedelment dak li nghad f’diskors ta’ persunagg pubbliku fuq materja li hija wkoll ta’ interess pubbliku, u

(c) Illi huwa ma jikkondividix l-opinjoni ta’ Ciro Del Negro.

**Is-sentenza ta’ l-Ewwel Qorti**

Permezz ta’ sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta’ Marzu, 2001, l-eccezzjonijiet tal-konvenut gew michuda u l-Qorti laqghet it-talba ta’ l-attrici u kkundannat lill-konvenut sabiex ihallasha s-somma ta’ tmien mitt lira (Lm800) bhala danni, u dan wara li kkunsidrat is-segwenti:

Fl-ewwel eccezzjoni tieghu l-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni ta’ l-azzjoni taht il-ligi ta’ l-istampa billi hu gie notifikat l-ewwel darba b’att gudizzjarju aktar minn sena wara l-pubblikazzjoni tal-ktieb imsemmi. Ara artikolu 32 tal Kap 248.

Dan l-artikolu jipprovvdi li “*Criminal action for any offence under Part 11 of this Act and limitation of the civil action under section 28 and 29 (damages for defamatory libel u Slander of title and trade libel) shall be barred by prescription after the lapse of one year*”.

Il-konvenut qed jissottometti li l-ktieb hareg fil-1997. Il-kawza giet prezentata fis-27 ta’ Mejju, 1997 u hu gie notifikat bl-att gudizzjarju dwar dan il-kaz fl-ahhar ta’ Ottubru 1998, (precizament fis-26 ta’ Ottubru, 1998 ara fol. 15) cioe’ aktar minn sena wara l-pubblikazzjoni tal-ktieb. Hu qed isostni li l-perjodu ta’ sena ma giex interrott u mhux bizzejjed li jigi prezentat l-att gudizzjarju biex jinterrompi l-preskrizzjoni izda jrid jigi assigurat li dan l-att jigi wkoll notifikat lill persuna kontra min trid tigi interrotta l-

preskrizzjoni sa mhux aktar tard minn xahar minn meta taghlaq il-preskrizzjoni.

Il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni billi d-data li biha giet interrotta l-preskrizzjoni hija d-data tal-prezentata tac-citazzjoni, cioe' d-domanda gudizzjali (distintement minn att gudizzjali). Din id-domanda giet prezentata ftit wara li gie pubblikat il-ktieb (ara f'dan is-sens il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati: Bonello vs Bonello PA CS 22/4/83; Cassar vs Zahra PA CS 27/6/83; Dr. Woods vs Jones PA CS 28/3/88; Sghendo vs Muscat PA JSP 3/10/91; Kumm Dr. Mamo vs Mifsud 22/6/92).

Fil-mertu l-konvenut eccepixxa li hu m'ghamel l-ebda dikjarazzjoni tieghu, izda kien qed jirrapporta fedelment diskors ta' personagg pubbliku fuq materja li hija wkoll ta' nteress pubbliku u ghalhekk ukoll jaqa' taht il-priviliegg kwalifikat.

Illi biex japplika privilegg kwalifikat il-Ligi fl-art 12A tal-Kap 248 tipprovvdi li:

*In proceedings instituted under this Act it shall be a defence for the editor or the publisher to prove that the information published consisted of an accurate report of a speech made at an important public event by an identified person who knew or could have reasonably known or expected that the content of that speech was to be published in a newspaper or in a broadcasting medium and that the publication of the said speech was reasonably justifiable in a democratic society.*

Illi fil-kaz in ezami dan l-artikolu ma japplikax billi ma kienx xi "*speech made at an important public event*". Il-konvenut ma kienx qed jirrapporta fatti u kummenti ta' personagg pubbliku dwar kwistjonijiet importanti ta' interess pubbliku. Li wiehed jippubblika diskors li qal haddiehor dwar avukat f'kawza privata ta' separazzjoni fejn jallega li dan l-avukat hu bla skrupli u ha gurament falz zgur li ma jistax jitqies bhala privilegg kwalifikat.

Il-kliem li l-attrici qed toggezzjona ghalih huwa dak fejn qed tigi akkuzata li hadet gurament falz u li hi bla skrupli.

Fol. 129: *Ghalhekk , min qed jikteb jitlob lil min ghandu d-dmir jistharreg dan il-kaz li jiehu passi mehtiega kontra l-edituri ta' dal-gurnali, kontra l-Avukat Sandra Caruana* ***li kontra kull professjonalita' nqdiet bil-gurnali bhala prova - kollha nies bla skrupli…….***

Fol. 141: *In fatti a quel giorno che hanno presentato i giornali c'era la dottoressa Sandra Caruana* ***la quale ha dichiarato il falso….***

Skond il Gately persuna li tuza "*words which impute to the plaintiff the commission of a crime* " huwa soggett ghall-azzjoni ta' malafama. Hu jsemmi l-kaz ta' persona li takkuza lill ohra li hadet gurament falz jew kaz ta' spergur f' proceduri gudizzjarji (ara fol. 47).

Fil-kaz in ezami l-kliem uzati huma malafamanti fil-konfront ta' l-attrici kemm personalment kif ukoll professjonalment. Il-malafama attribwita lilha hija l-oghla wahda fil-kategorija li tirrigwarda l-kontenut tal-malafama (ara Kawza Dr. Farrugia vs Agius App 27 ta' Mejju 1992).

Dwar il-kwistjoni li l-konvenut ghamel biss *translation* ta' dokumenti u f'partijiet mill-ktieb qed jikkwota direttament lill-Ciro De Negro *in prima persona* l-Qorti tirrileva li l-konvenut meta ppubblika dak li qal De Negro fil-ktieb sar l-awtur tieghu u assuma r-responsabilita' ghal dak li hemm miktub.

L-artikolu 24 tal-Kap 248 jiddisponi li:

*"It shall be no defence for any of the persons mentioned in the last preceeding section to prove that the writing is a copy, or* ***an extract****, or abridgment,* ***or a translation*** *of another writing which has been otherwise printed and published".*

Fil-kaz La Polizia vs Dr. F. Mizzi et altri deciz mill-Qorti Kriminali fis-6 ta' Marzu, 1902 kien intqal:

"*Nei reati di stampa la originalita' non e' criterio essenziale dell'inguria; e percio' lo stampatore non e' ne' gustificato ne' scusato dal fatto che l'articolo incriminato non e' che la ripetizione delle dicerie corse o correnti.*" (Ara wkoll Police vs N.Laviera et 21/4/64).

Fil-kaz Ingliz De Crespingny vs Wellesley gie deciz:

"*Because one man does an unlawful act to any person, another is not to be permitted to do a similar act to the same person. Wrong is not justified or even excused by wrong.*"

U l-awtur Gatley "*On Libel and Slander*" (8th *Edition page* 117) wara li jelenka l-principju li "*Every republication of a libel is a new libel, and each publisher is answerable for his act to the same extent as if the calumny originated with him" isemmi l-kaz "where A wrote a libellous letter to D, and D republished extracts in a phamplet , it was held that the fact that the letter was written by A, and that D honestly believed the statements in it to be true, was no defence to an action for such republication.*"

"Min jirrepeti kliem diffamatorju jew ingurjuz li jkun intqal minn haddiehor, ma jibbenefika minn ebda ezenzjoni jew tnaqqis ta' htija. App Krim P vs A Cassar et 11 ta' Lulju 1964.

Illi fuq l-iskorta tal-ligi, tal-gurisprudenza u l-awturi fuq kwotati l-konvenut sar responsabbili ghal libel meta huwa rriproduca fil-ktieb tieghu dak li qal Del Negro jew ghamel *translation* tieghu.

Kwantu ghall element intenzjonali, ma hux mehtieg li l-konvenut ikollu intenzjoni specifika. Dak li hu mehtieg hu li jigu pubblikati kliem li joffendu r-reputazzjoni tal-attrici. Skond il-*case law* Ingliza "*if the defendant has published words which have in fact injured plaintiff's reputation, he must be taken to have intended the consequences naturally resulting from his act*", L-istess principji dwar l-element morali japplikaw fil-gurisprudenza taljana fejn

jinghad "*Il dolo nella diffamazione commessa col mezzo della stampa e' "in re ipsa", onde non e' da far ricerca sull'animo vero e proprio di diffamare*". Frola Delle Ingurie u Diffamazioni.

Fil-kaz in ezami l-kliem fuq imsemmija huma *per se* malafamanti u l-intenzjoni tohrog mill-istess kliem. M'hemmx affarijiet ohra li setgha intenda l-konvenut bil-kliem li uza.

Il-konvenut issottometta wkoll (ara nota tieghu) li hu kien qieghed jezercita d-dritt u l-obbligu tieghu bhala gurnalist li jinforma l-pubbliku u r-restrizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 10(2) m'humiex applikabbili u mhux mehtiega f'dan il-kaz.

Il-liberta' ta' espressjoni garantita mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni hija liberta' subordinata ghal valuri, libertajiet u drittijiet ohra msemmija fl-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni u 10(2) tal-Konvenzjoni Ewropeja. Dawn jipprotegu l-liberta' ta' espressjoni izda jipprotegu wkoll diversi drittijiet ohra, fosthom ir-reputazzjoni, drittijiet u libertajiet ta' persuni ohra.

Ghalkemm il-konvenut ghandu d-dritt u l-obbligu bhala gurnalist li jinforma l-pubbliku dwar affarijiet ta' materja pubblika hu ma jistax jiddefama r-reputazzjoni ta' persuna ohra billi jghajjarha bla skrupi u li tixhed il-falz meta lanqas biss hemm prova wahda dwar dan. Biex tikkummenta fuq fatti, l-ewwel dawn il-fatti jridu jkunu sostanzjalment veri.

Finalment il-konvenut eccepixxa u xehed li huwa ma jikkondividix l-opinjoni ta' Ciro del Negro. Hu qal li bl-ebda mod ma ried jitfa' dell jew iwegga lill attrici u ddikjara li hu m'ghandu xejn kontra Dr. Caruana la professjonalment u wisq inqas personalment u jekk fl-entuzjazmu biex iwassal l-ahbar naqas b'xi mod fil-konfront taghha, skuza ruhu u talabha apologija.

Illi l-Qorti setghet tikkunsidra din l-apologija a termini ta' l-artikolu 28(2) tal-Kap 248 rigward it-tnaqqis tad-danni. Izda fin-nota tieghu l-konvenut baqa' jinsisti (ara para 25) li *ma hemm ebda libell fil-kitba u l-kliem ta' Del Negro fil-*

*brani citati mill-attrici.* Hu kompla jghid (ara para 26) li Del Negro talab li jittiehdu passi kontra l-attrici *minhabba nuqqas ta' professjonalita' meta nqdiet bil-gurnali imsemmija;* rega' rrepeta l-istess haga fil para 27 u mbaghad fl-ahhar para 28 qal li *anki d-diskors riportat f'pagna 140 tal-ktieb ghalkemm jidher iebes mad-daqqa t'ghajn, fil-verita' huwa wkoll valutazzjoni ta' Del Negro.*

Ghalhekk il-Qorti ma tistax tikkunsidra li l-apologija li saret hija wahda sinciera billi fl-istess nifs il-konvenut ghadu qed isostni li m'hemm xejn libelluz fil-kliem li uza u ma jidhirx li ddispjacih minnhom .

**L-appell**

Il-konvenut Joe Mifsud appella minn din is-sentenza permezz ta' rikors minnu ppresentat fis-16 ta' April, 2001. L-aggravji ta' l-appellant huma, bazikament, sitta u cioe` (1) li l-azzjoni f'dan il-kaz kienet preskritta; (2) li dak li qed tilmenta minnu l-appellata (allura attrici) hu kopert bi privilegg kwalifikat skond il-ligi; (3) li fi kwalunkwe kaz ma hemm ebda malafama ghax "il-fatti bazici ma humiex negati, anzi jirrizultaw korretti", b'mod, ghalhekk, li dak li gie riportat fil-ktieb jammonta ghal espressjoni ta' opinjoni ta' Ciro Del Negro u mhux ghal stqarrija ta' fatt; (4) li fi kwalunkwa kaz kien nieqes fih l-*animus injuriandi*; (5) li fid-dawl ta' l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem hu ma ghandux jigi ddikjarat li mmalafama lill-appellata u dan peress li "r-restrizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 10(2) tal-Konvenzjoni ghandhom jigu interpretati b'mod restrittiv"; u (6) li d-danni kellhom jigu mitigati fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 28(2) tal-Kap. 248.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

1. Kwantu ghall-kwistjoni tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni, l-appellant jibbaza dan l-aggravju fuq il-fatt li minn meta gie ppubblikat il-ktieb "Id-Djarju ta' Ciro Del Negro" sad-data meta huwa gie notifikat bl-att tac-citazzjoni, kienu ghaddew iktar minn sena. Huwa jibbaza ruhu fuq dak li jipprovdi l-Artikolu 32 tal-Kap. 248 u cioe` li *"L-azzjoni*

*kriminali ghal kull reat taht it-Taqsima II ta' dan l-Att u l-azzjoni civili taht l-artikoli 28 u 29 jaqghu bil-preskrizzjoni wara li tghaddi sena"*. Issa, f'dan il-kuntest huma diversi s-sentenzi tal-Qrati taghna li jipprovdu li fil-mument li tigi pprezentata domanda gudizzjali, il-preskrizzjoni tigi interrotta. Hekk per ezempju fil-kawza fl-ismijiet **Dr. Edward Woods LL.D. noe v. David Jones et noe** deciza minn din il-Qorti (diversament komposta in kwantu ghall-president taghha) fit-3 ta' Marzu 1995, saret referenza ghall-Artikolu 2130 tal-Kodici Civili [Kap. 16] li jipprovdi li l-preskrizzjoni *"ma tinkisirx jekk in-notifika ta' l-att ma ssirx qabel ma jaghlaq xahar li ghandu jibda jghodd mill-ahhar jum taz-zmien li hemm ghall-preskrizzjoni"*. Il-Qorti ddikjarat li dan il-provvediment ma kienx japplika fil-kaz ta' att ta' citazzjoni, u kompliet tghid

***"Il-preskrizzjoni in kwistjoni giet interrotta appena saret it-talba gudizzjali ta' l-attur nomine bil-prezentata tac-citazzjoni odjerna. L-artikolu 2130 japplika meta si tratta ta' ittra ufficjali jew xi att gudizzjarju iehor skond l-artikolu 2128 tal-Kodici Civili li bih il-kreditur juri li bi hsiebu jzomm il-jedd tieghu ta' azzjoni fil-konfront tad-debitur"***.

F'din is-sentenza saret riferenza wkoll ghal sentenza ohra ta' din il-Qorti moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Briffa vs Debono** deciza fis-7 ta' Lulju 1992 fejn gie applikat l-istess insenjament. Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi respint.

2. Bil-mod kif inhi impostata it-tieni eccezzjoni tal-konvenut[1] (fol. 18 tal-atti) hu evidenti li l-appellant qed jinvoka l-privilegg kwalifikat introdott fil-Kap. 248 bl-Artikolu 18 tal-Att X ta' l-1996, u cioe` il-privilegg kwalifkat li ghalih jirreferi l-Artikolu 12A ta' l-imsemmi Kap. 248. Din id-disposizzjoni tipprovdi li:

[1] Il-Qorti tosserva a propositu li fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant jghid testwalment (ara fol. 126) li ***"L-aggravji ta' l-esponent jirreferu ghall-eccezzjonijiet tieghu"***. Kif ser jigi spjegat aktar 'l quddiem, pero`, xi whud minn dawn l-aggravji jmorru lil hinn minn dawn l-eccezzjonijiet.

*"Fi proceduri mehuda in forza ta' dan l-Att tkun difiza ghall-editur jew ghar-responsabbli ghall-pubblikazzjoni li jipprova li **l-informazzjoni pubblikata kienet tikkonsisti f'rapport preciz ta' diskors li sar f'avveniment pubbliku importanti** minn persuna identifikata u li kienet taf jew ragonevolment setghet tkun taf jew tistenna li l-kontenut ta' dak id-diskors se jigi pubblikat f'gazzetta jew f'mezz tax-xandir, u **li l-pubblikazzjoni ta' l-istess diskors kienet ragonevolment gustifikabbli f'socjeta' demokratika**."* (sottolinear tal-Qorti).

Anke jekk wiehed kellu, ghall-grazzja ta' l-argument, ighid li l-konvenut appellant hu l-"editur" jew ir-"responsabbli ghall-pubblikazzjoni" (ara l-Artikolu 23) (a differenza ta' l-"awtur") tal-ktieb in kwistjoni, kif tajjeb osservat l-Ewwel Qorti l-Artikolu 12A jezigi li d-diskors irid ikun sar *"f'avveniment pubbliku importanti",* fit-test Ingliz *"speech made at an important public event"*. Bla dubbju l-konvenut ma kienx qieghed jirraporta affarijiet li nghadu *"f'avveniment pubbliku importanti"* izda (i) irriproduca traduzzjoni bil-Malti ta' ittra li ntbaghtet minn Ciro Del Negro lil diversi nies (fosthom "lill-President tar-Repubblika Ugo Mifsud Bonnici ghall-Kunsill Amministrattiv tal-Gustizzja[2]) [fol. 128 – 129 tal-ktieb] u (ii) rappurtagg ta' intervista li l-appellat ghamel lil Ciro Del Negro fil-privat meta ltaqa' mieghu fit-2 ta' April, 1997 f'Salerno [fol. 131 *et seq.* tal-ktieb]. Il-kliem li uza l-legislatur huwa car, u b'ebda tigbid ta' l-immaginazzjoni ma jista' wiehed jghid li l-ittra u l-intervista jammontaw ghal "diskors li sar f'avveniment pubbliku importanti". Apparti minn hekk, pero`, il-pubblikazzjoni tad-diskors (malafamanti) trid tkun ukoll "ragjonevolment gustifikabbli f'socjeta` demokratika". Evidentement il-legislatur hawnhekk qed jirreferi ghal sitwazzjonijiet fejn, fil-kuntest ta' materja ta' interess pubbliku generali, dak li jintqal f'avvenimenti pubblici importanti, ghalkemm ikun *prima facie* malafamanti, jista' addirittura jkun doveruz li jigi ppublikat f'gazzetta jew f'mezz tax-xandir. Il-legislatur kjarament hawnhekk qed jalludi ghal dak il-bilanc li jrid jinzamm bejn id-dritt u d-dover tal-kronaka f'materja ta'

[2] Recte: Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja.

interess pubbliku generali u d-dritt ghar-reputazzjoni ta' dak li jkun, reputazzjoni li meta si tratta in partikolari ta' nies fil-hajja pubblika u politika jew ta' istituzzjonijiet pubblici, wiehed jistenna li tigi attakkata, entro certi limiti, bl-espressjoni ta' opinjonijiet u "value judgements" fuq l-operat taghhom. Huwa f'dan is-sens ukoll li esprimiet ruhha diversi drabi l-Qorti ta' Strasbourg, u dan anke fis-sentenzi li ghalihom jaghmel referenza l-appellant stess fin-nota tieghu tas-16 ta' Frar, 2004[3]. Hekk, per ezempju, fil-kaz ***Castells*** insibu, f'paragrafu 43:

**"In the case under review Mr Castells did not express his opinion from the senate floor, as he might have done without fear of sanctions, but chose to do so in a periodical. That does not mean, however, that he lost his right to criticise the Government. In this respect the pre-eminent role of the press in a State governed by the rule of law must not be forgotten. Although it must not overstep various bounds set, inter alia, for the prevention of disorder and the protection of the reputation of others, it is nevertheless incumbent on it to impart information and ideas on political questions and on other matters of public interest."**

Fil-kaz ***Bergen Tidende and Others***:

**"Although the press must not overstep certain bounds, particularly as regards the reputation and rights of others and the need to prevent the disclosure of confidential information, its duty is nevertheless to impart – in a manner consistent with its obligations and responsibilities – information and ideas on all matters of public interest."** (para. 49).

Din il-Qorti, ghalhekk, tistaqsi: fil-kaz *de quo* fejn hi l-materja ta' "interess pubbliku" li ghaliha jirreferu l-kliem li minnhom qed tilmenta l-appellata? Kemm fl-ittra kif ukoll

[3] ***Castells v. Spain*** 23.4.1992, ***Jersild v. Denmark*** 23.9.1994, ***Bergens Tidende and Others v. Norway*** 2.5.2000, ***Thoma v. Luxemburg*** 29.3.2001, ***Willie v. Liechtenstein*** 28.10.1999.

fl-intervista Ciro Del Negro jghid li l-appellata agixxiet "kontra kull professjonalita`" u li hija "bla skrupli", u li ghamlet dikjarazzjoni falza, in konnessjoni mal-kawza privata u personali tieghu dwar il-kustodja ta' wiehed mit-tfal tieghu. Filwaqt li l-allegat skop tal-ktieb – ghall-anqas skond ma jinghad fuq il-qoxra ta' wara tal-istess ktieb – hu li "jitfa' dawl gdid fuq it-traffikar ta' droga f'pajjizna" – u ghalhekk certament materja ta' interess pubbliku qawwi – il-kawza dwar il-kustodja tat-tifel ta' Ciro Del Negro (bhalma del resto l-kawza tas-separazzjoni tieghu minn ma' martu) hu incident limitrofu li ma jzid jew inaqqas xejn ma' l-"investigazzjoni" li l-appellant ittanta jaghmel fuq it-traffikar tad-droga. L-appellata iddahlet fil-kredu in konnessjoni ma' incident privat u li ma hu ta' ebda interess pubbliku; u ghalhekk wiehed difficilment jifhem kif, apparti konsiderazzjonijiet ohra kif ga accennat, il-pubblikazzjoni tal-kliem in kwistjoni jista' jitqies li kien "reasonably justifiable in a democratic society". Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi respint.

3. It-tielet aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li ma hemmx malafama ghax "il-fatti bazici ma humiex negati, anzi jirrizultaw korretti", b'mod, ghalhekk, li dak li gie riportat fil-ktieb jammonta ghal espressjoni ta' opinjoni ta' Ciro Del Negro u mhux ghal stqarrija ta' fatt. Jibda biex jinghad f'dan ir-rigward li din hi effettivament "eccezzjoni" gdida li qatt ma tqajmet formalment, jigifieri permezz ta' nota ta' eccezzjonijiet, quddiem il-qorti ta' l-ewwel grad kif rikjest bl-Artikolu 728 tal-Kap. 12, u anqas tista' titqies bhala eccezzjoni perentorja li hi sollevabbli fi stadju ta' appell (Art. 732(1), Kap. 12). F'ebda stadju quddiem il-qorti ta' l-ewwel grad ma gie eccepit li d-diskors li dwaru kienet qed tilmenta l-attrici kien jammonta ghal *fair comment* fuq fatti veri. Ghalhekk din il-Qorti hija gustifikata li tirrespingi dana l-aggravju minghajr ebda konsiderazzjoni ulterjuri. Minkejja dan, din il-Qorti tosserva li ghalkemm jista' jinghad li l-attribuzzjoni ta' nuqqas ta' professjonalita` u nuqqas ta' skrupli hi "opinjoni" – l-opinjoni ta' Del Negro – b'ebda tigbid ta' l-immaginazzjoni ma jista' jinghad li tali opinjoni jew kumment huwa *fair*. Ebda ***"fair-minded man, holding a strong view, holding perhaps an obstinate view, holding perhaps a***

***prejudiced view"*** [4] ma jista' jghid li avukat ma mxiex b'mod professjonali ghax ezibixxa kopji ta' artikoli minn gurnali quddiem qorti meta dik l-istess qorti tkun accettat dawk il-kopji bhala provi u ma ordnatx l-isfilz taghhom (mill-kopja tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ta' Salerno tas-17 ta' Mejju, 1996, ezibita a fol. 55, jidher car li dik il-qorti ammettiet dawk l-artikoli bhala prova[5]). Aktar serja, pero`, hi l-attribuzzjoni ta' dikjarazzjoni falza (pagna 149 tal-ktieb) li mhux biss hi dikjarazzjoni ta' fatt u mhux semplici opinjoni, izda hija dikjarazzjoni fattwalment inveritjera. Fid-deposizzjoni taghha quddiem l-ewwel Qorti (fol. 23 sa 25) l-attrici appellata kienet spjegat li fil-fatt f'Mejju ta' l-1996 kien hemm verament kawza ta' separazzjoni pendenti bejn Ciro Del Negro u martu Dorothy, u dan hu evidenzjat ukoll bil-kopja tac-citazzjoni ezibita mill-istess appellata quddiem il-Prim Awla, liema citazzjoni ggib id-data tas-26 ta' Marzu, 1996 [6]. Ghalhekk dana l-aggravju wkoll qed jigi respint.

4. Aggravju iehor ta' l-appellant hu li kien nieqes fih l-*animus injuriandi*. F'dan ir-rigward din il-Qorti tosserva li hi gurisprudenza, tista' tghid kostanti, tal-qrati taghna, li meta si tratta ta' kliem li huma fihom infushom ingurjuzi, l-*animus injuriandi* huwa prezunt (ara, *inter alia*, ***L-Onor. Professur John Rizzo Naudi v. Felix Agius u Carlo sive Charles Mizzi*** Qorti ta' l-Appell, 13 ta' Mejju, 1997; ***Avukat Dottor Tonio Azzopardi v. Victor Aquilina et*** Qorti ta' l-Appell, 27 ta' Gunju, 2003; u s-sentenza moghtija llum stess minn din il-Qorti fl-ismijiet ***Avukat Dottor Louis Galea v. Frans Ghirxi et*** ). Fl-fehma ta' din il-Qorti il-kliem, b'referenza ghall-kelma "malafama" fl-Artikolu 28(1), *"…li l-ghan taghha jkun li tellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni ta' xi persuna…"* (fit-test Ingliz *"…the object of which is to take away or injure the reputation of any person…"*) ma jirriferux ghal xi intenzjoni specifika jew

[4] **Gatley on Libel and Slander** Sweet & Maxwell (London), 1981, para. 728, p. 312.

[5] Ghandu jigi puntwalizzat li l-Qorti ta' l-Appell ta' Salerno ma qalitx dak li jinghad fil-ktieb li qalet. In fatti f'pagna 129 jinghad li dik il-qorti qalet li "…it-taghrif fuq fuq, mehud mill-qari tal-gurnali Maltin zgur ma jixhdux il-persunalita` Nisranija…"; dak li fil-fatt qalet il-qorti kien li "…le sommarie informazioni, quali recepiti dalla lettura di quotidiani Maltesi, certamente non evidenziano una personalita` cristallina…" – sottolinear fiz-zewg kazi ta' din il-Qorti.

[6] U l-Qorti ta' l-Appell ta' Salerno, fis-sentenza taghha, korrettement osservat li l-proceduri ta' separazzjoni kienu ghadhom "in corso".

motiv ulterjuri li jrid ikollu l-awtur tal-kitba, l-editur jew il-persuna responsabbli ghall-pubblikazzjoni, izda jirreferu ghat-tendenza tal-kliem sampat jew tal-kliem imxandar li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni ta'dak li jkun. ***"The question is not what the defendant intended, but what reasonable men, knowing the circumstances in which the words were published, would understand to be the meaning. 'Liability for libel does not depend on the intention of the defamer, but on the fact of the defamation'. 'The question is not what the writer of an alleged libel means, but what is the meaning of the words he has used'. 'It is not the defendant's intention, or the meaning in his own mind, that makes the sense of the libel' but 'what was the meaning and inference that would naturally be drawn by reasonable and intelligent persons reading it'."*** – **Gatley on Libel and Slander** op.cit. para. 89, pp. 45 – 46. Ghalhekk dana l-aggravju huwa respint.

5. L-appellant jaghmel referenza ghal sensiela ta' sentenzi (aktar 'l fuq imsemmija f'dan il-gudikat) moghtija mill-Qorti ta' Strasbourg dwar il-liberta` ta' l-espressjoni garantita bl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea. Din il-Qorti taqbel li huwa lecitu, hafna aktar milli qatt kien, skond il-gurisprudenza kif zviluppat matul iz-zmenijiet, li tikkritika kemm trid, diment li din issir entro certi limiti u li l-liberta` ma tissarrafx f'libertinagg u f'irresponsabbilta` b'tali mod li persuna tigi assoggettata ghal addebiti foloz li jistghu jwasslu biex joskurawha f'ghajnejn il-pubbliku. Il-liberta` ta' espressjoni m'hijiex xi licenzja li wiehed ighid li jrid minghajr kontroll. Id-dritt invokat mill-appellant huwa suggett ghal certu kondizzjonijiet. Hekk per ezempju, fil-kaz ***Bladet Tromso and Stensaas v. Norway*** (20 ta' Mejju, 1999) il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem esprimiet ruhha hekk:

***"Article 10 of the Convention does not, however, guarantee a wholly unrestricted freedom of expression even with respect to press coverage of matters of serious public concern. Under the terms of paragraph 2 of the Article the exercise of this freedom carries with it "duties and responsibilities", which***

***also apply to the press. These "duties and responsibilities" are liable to assume significance when, as in the present case, there is question of attacking the reputation of private individuals and undermining the "rights of others"…By reason of the "duties and responsibilities" inherent in the exercise of the freedom of expression, the safeguard afforded by Article 10 to journalists in relation to reporting on issues of <u>general interest</u> is subject to the proviso that they are acting in good faith in order to provide <u>accurate and reliable</u> information in accordance with the ethics of journalism."*** (para. 65) (sottolinear ta' din il-Qorti)[7].

L-oggezzjoni li saret mill-appellata titratta l-pubblikazzjoni ghal referenzi li saru fil-konfront taghha minn Ciro Del Negro – dikjarazzjonijiet li jolqtu b'mod avvers hafna r-reputazzjoni professjonali taghha. Kif diga gie osservat aktar 'l fuq f'din is-sentenza, dak li seta' qal Ciro Del Negro fil-konfront ta' l-appellata ma ntqalx fil-kuntest ta' xi haga li tista' b'xi mod tikkwalifika bhala ta' interess pubbliku. Huwa kien qieghed jitkellem dwar kawza civili ta' separazzjoni bejn koppja mizzewga (hu u martu) u x'gara (skond hu) fi proceduri gudizzjarji li nstemghu f'Qorti Taljani dwar il-kura u kustodja ta' wiehed minn uliedhom – fatti dawn li zgur li ma kienux ta' interess ghall-pubbliku in generali, iktar u iktar meta l-ghan tal-ktieb, kif diga gie osservat, kien, skond l-awtur *"...biex jitfa' dawl fuq hwejjeg marbuta man-negozju ikrah tad-drogi li baqghu misturin minn ghajnejn il-pubbliku...B'dan il-ktieb il-pubbliku se jkollu tieqa miftuha fuq ix-xena mahmuga tat-tixrid tad-droga u fuq kollox fejn it-traffikanti jsibu wens u ghajnuna minghand xi politic li b'ghemilhom ihammgu l-professjoni nobbli tat-tmexxija ta' art twelidna"* [fol. 5 u 6 tal-ktieb]. Madankollu l-appellant xorta ghazel li jippubblika tali fatti fir-rigward ta' l-appellata, u dan minghajr ma vverifika dak li gie allegat fil-konfront ta' l-appellata qabel ma ppubblika dak li qal it-terz fil-konfront taghha. Ghalhekk anke dana l-aggravju qed jigi respint.

[7] Ara wkoll ***Goodwin v. The United Kingdom***, 27 ta' Marzu, 1996, u ***Fressoz and Roire v. France***, 21 ta' Jannar, 1999.

6. L-appellant appella wkoll fuq il-*quantum* tad-danni likwidati mill-Ewwel Qorti. Huwa jikkontendi li galadarba kien offra l-apologija tieghu l-Qorti kellha tqis dan il-fatt meta giet biex tillikwida d-danni. Issa, is-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 28 tal-Kap. 248 jipprovdi li:

*F'kull kaz li ghalih japplika dan l-artikolu, il-konvenut jista', bi tnaqqis tad-danni, jipprova li hu jkun ghamel jew offra li jaghmel apologija lill-attur dwar dik il-malafama qabel ma tkun inbdiet l-azzjoni ghad-danni jew, kemm jista' jkun malajr wara malli kellu l-opportunità li hekk jaghmel f'kaz li l-azzjoni tkun inbdiet qabel kellu l-opportunità li jaghmel jew li joffri li jaghmel dik l-apologija: Izda l-konvenut ma jistax igib dik il-prova bi tnaqqis ta' danni jekk hu jkun gieb il-prova tal-verità skond l-artikolu 12 ta' dan l-Att* (sottolinear tal-Qorti).

L-ewwel Qorti ma applikatx din id-disposizzjoni ghax kienet tal-fehma li l-appellant, allura konvenut, ma kienx sincier fl-apologija tieghu u dan peress li hu baqa' jsostni li effettivament ma kienx hemm libell jew malafama. Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant jissottometti li "imkien fil-ligi ma hu mehtieg li l-konvenut jaccetta li kien hemm libell biex juri dispjacir u jitlob apologija". F'certu sens l-appellant ghandu ragun in kwantu ghar-ragunament tal-ewwel Qorti, u dan peress li huwa biss fil-kaz li l-konvenut jeccepixxi il-verità tal-fatti skond l-Artikolu 12 li ma jkunx applikabbli t-tnaqqis skond is-subartikolu (2) ta' l-imsemmi Artikolu 28 – u l-appellant f'ebda stadju ma ta din l-eccezzjoni. Mill-banda l-ohra, però, il-ligi taghmilha cara li jekk l-azzjoni tkun inbdiet qabel ma l-konvenut kellu l-opportunità li jaghmel jew li joffri l-apologija, dik l-apologija, biex tiswa' ghall-finijiet tat-tnaqqis tad-danni, irid jaghmilha jew joffriha "kemm jista' jkun malajr wara malli kellu l-opportunità li hekk jaghmel". Issa, fil-kaz in dizamina l-ewwel opportunità li kellu l-konvenut appellant biex jaghmel jew joffri tali apologija kienet fin-nota ta' l-eccezzjonijiet u/jew fid-dikjarazzjoni guramentata annessa maghha. In-nota ta' eccezzjonijiet u d-dikjarazzjoni guramentata gew presentati fis-6 ta' Novembru, 1998, izda fiha ma hemm ebda tali apologija – is-semplici dikjarazzjoni li "ghal kull buon fini" huwa "ma jikkondividix

l-opinjoni ta’ Ciro Del Negro” certament ma tammontax ghal apologija izda biss tentattiv fjakk biex wiehed jipprova jevadi r-responsabbiltà. Kien biss kwazi sentejn wara, u cioè fl-affidavit tal-31 ta’ Jannar, 2000, li l-appellant jittanta jghid – u dejjem bil-kwalifika ta’ “ghal kull buon fini” – *“...niddikjara hawn ukoll li jien ma ghandi xejn kontra Dr. Caruana la professjonalment u wisq inqas personalment. Jekk fl-entuzjazmu biex inwassal l-ahbar inqast b’xi mod fil-konfront taghha, niskuza ruhhi u nitlob apologija.”* Anke jekk, b’dan il-*caveat* kollu, wiehed kellu jikkunsidra li din hi effettivament apologija fis-sens ta’ l-Artikolu 28(2), certament it-trapass ta’ zmien ifisser li jigi nieqes ir-rekwizit li l-apologija ssir kemm jista’ jkun malajr wara li tkun bdiet il-kawza u ma’ l-ewwel opportunità. Ghalhekk – u mhux ghar-ragunijiet migjuba mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha – dana l-aggravju qed jigi wkoll respint.

Ghall-motivi premessi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------